# DIPARTIMENT TAD-DWANA
# RAPPORT ANNWALI 2021

## 1. Introduzzjoni

Matul l-2021, id-Dipartiment tad-Dwana kompla bil-missjoni ewlenija tiegħu li:

- jiffaċilita l-kummerċ ġust billi inaqqas il-piżijiet u l-burokrazija minn fuq l-operaturi ekonomiċi li josservaw il-proċeduri tad-Dwana, u jżid miżuri effettivi ta' infurzar kontra operaturi li ma josservawx il-proċeduri;
- jipproteġi s-saħħa u s-sigurtà taċ-ċittadini tagħna billi tkun evitata l-importazzjoni ta' sustanzi illeċiti u oġġetti oħra projbiti;
- jtejjeb l-metodi tal-ġbir tat-taxxi tad-dwana u tas-sisa u l-prevenzjoni ta' frodi possibli; u
- jipproteġi l-interess ekonomiku ta' Malta, u tal-Unjoni Ewropeja, bil-prevenzjoni tad-dħul illegali f'Malta u fl-Unjoni Ewropeja ta' prodotti kontrafatti.

Iktar minn hekk, matul l-2021, f'kuntest ta' pandemija globali, kif ukoll f'kuntest tal-ewwel effetti ta' Brexit, id-Dipartiment tad-Dwana ħa diversi inizjattivi kemm biex jiżgura l-katina ta' provvista, kif ukoll biex ikun ta' sostenn lill-operatuti ekonomiċi fi żmienijiet daqstant diffiċli.

Konkretament, dan issarraf f':

- ħarsien tal-erarju tal-Gvern;
- aktar qbid ta' droga;
- aktar qbid ta' oġġetti kontrafatti;
- qbid ta' karozzi misruqa mill-Kanada; u
- aktar qbid ta' flus mhux iddikjarati.

B'rabta ma' dan kollu, id-Dipartiment tad-Dwana:

- kompla jwettaq l-eżerċizzju ta' Reviżjoni tal-Operat tad-Dwana;
- organizza *Attitude Survey* fost l-impjegati tad-Dwana u *Customer Satisfaction Survey* fost l-operaturi ekonomiċi;
- iddaħlu, bla problemi ta' xejn, is-sistemi tas-*CFMS* u l-*IOSS*;
- ippubblika *Training Prospectus*;
- żamm 24 laqgħa tal-*Legal Framework Review Board* fejn ġew diskussi diversi emendi għall-qafas legali tad-Dwana;
- beda juża binja ġdida f'Xatt il-Laboratorju, f'Kordin;
- infetaħ stazzjon ġdid fi *Fuel Wharf,* Kordin;
- komplew il-preparazzjonijiet għall-proġett ta' tisbiħ tal-uffiċini f'*Annex A,* fil-Belt;
- kompla x-xogħol estensiv ta' manutenzjoni fil-kumpless ta' *Groupage Cargo* f'Ħal Far;
- kompla bit-tisħiħ tal-iskwadra ta' kontra l-ħasil ta' flus;
- kompla jirristruttura u jsaħħaħ is-Servizz ta' Intelliġenza;
- waqqaf Taqsima ġdida, l-*Investigations Unit*; u
- kompla jiġi rilokat aktar xogħol *back office* f'Għawdex biex impjegati Għawdxin tad-Dwana kompla jinstabilhom xogħol f'Għawdex stess;

## 2. Direttorat tal-Finanzi u l-Amministrazzjoni

### 2.1 Riżorsi Umani

Fl-2021 sar reklutaġġ li permezz tiegħu ġew appuntati **48** *Customs Officer* u **18**-il *Customs Assistant*. Kienu appuntati wkoll **4** ħaddiema oħra fi ħdan il-*managerial stream*, filwaqt li ingħaqdet mad-Dipartiment tad-Dwana *Information Officer*. Ġew maħtura wkoll *Director International Affairs, Policy Development and Implementation; Assistant Director (Excise); Assistant Director (Compliance and Systems)* u *Chief Inspector of Customs*. Finalment irtiraw **9** impjegati bl-eta' tal-pensjoni, waqt li irreżenjaw **2** impjegati matul l-2021.

Sa Diċembru, id-Dipartiment kellu **427** impjegat fuq il-kotba tiegħu, **27%** fil-mija minnhom huma nisa. Għalhekk, kien hemm żieda ta' **2%** fil-parteċipazzjoni tan-nisa meta mqabbla mas-sena ta' qabel.

Barra minn hekk, **18**-il impjegat kienu fuq kuntratt ta' telework, filwaqt li **28**-il impjegat ibbenefikaw minn arranġament ta' *flexi-time*. Seħħet ukoll donazzjoni ta' siegħat mill-Fond Ċentrali lil impjegat fi ħdan id-Dwana.

***Grafika Nru. 1 – Capacity Building***




***Żieda ta' 2% fil-parteċipazzjoni tan-nisa fuq l-2020***

### 2.2 Finanzi - Ġbir ta' Erarju

Il-ġbir totali ta' taxxi f'dan il-perjodu minn attivitajiet doganali kien ta' **€304,577,510***. Magħhom wieħed irid iżid l-ammont ta' **€186,867,059*** li huma ammonti miġbura mid-Dwana bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) fuq l-importazzjoni għan-nom tal-Kummissarju tat-Taxxi. B'hekk, l-ammont ta' erarju iġġenerat mill-ħidma tad-Dwana ammonta għal **€491,444,569.**

#### 2.2.1 Dazju ta' Importazzjoni

Il-ġbir li sar mid-dazji tal-importazzjoni, magħrufa wkoll bħala Riżorsi Proprji Tradizzjonali (RPT), għas-sena 2021 kien ta' **€22,141,548***.

#### 2.2.2 Dazju tas-Sisa

Mis-Sisa, fl-2021, id-Dipartiment ġabar **€279,163,334***.

### 2.2.3 Dħul ieħor

Dħul ieħor, minn liċenzji, multi, ħlasijiet amministrattivi, taxxi fuq attività tal-*bunkering*, renta fuq il-magazzinaġġ, irkantijiet eċċ kien ta' **€3,272,628*** għas-sena 2021.

***dawn il-figuri huma kollha provizorji**

*Grafika Nru. 2 – Revenue collected*




## 3. Direttorat għall-Affarijiet Internazzjonali u *Policy* (*International Affairs & Policy*)

Id-Direttorat tal-*International Affairs and Policy* fi ħdan id-Dipartiment tad-Dwana jinkorpora fih l-*International Affairs Unit*, l-*EU Affairs Unit,* l-i*Strategic Trade & Sanctions Monitorong Unit* u l-*Customs Training Unit*.

### 3.1 Ħidma Internazzjonali u Ewropeja

Fil ħidma tiegħu, id-Direttorat:

- assista lill-kumplament tal-*managemen*t u l-ħaddiema tad-Dipartiment fix-xogħol tagħhom assoċċjat mal-Unjoni Ewropeja, b'mod speċjali fuq *BREXIT*;
- żamm kuntatt dirett mad-Direttorat tal-Affarijiet Ewropej tal-Ministeru għall Finanzi, dak tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej, kif ukoll mar-Rappresentanza Permanenti ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja;
- ikkordina kummenti fuq dokumenti u risposti għall-mistoqsijiet li jsiru mill-Kummissjoni jew il-Kunsill tal-Unjoni Ewropeja;
- ġabar statistika kull tlett xhur li tintbaghat lill-Kummissjoni;
- amministra l-*Customs 2020 Programme* tal-Kummissjoni;
- ħadem b'mod intensiv fuq awditjar li sar mill-Kummissjoni tal-UE eżattament fuq *'Reliability of A & B Accounts & Related Statements'.* Ħafna mix-xoghol ikkonsista f'koordinament ta' kwestjonarji qabel ma ssir il-proprja spezzjoni;
- ħa ħsieb li jagħti l-kontribut tiegħu fil-*Council Working Party on Customs Union*;
- ħa ħsieb ix-xogħol assoċjat mal-*World Bank*, il-*World Customs Organisation* u organizzazjonijiet internazzjonali oħra;
- issokta s-sapport u l-moniteraġġ tal-progress tal-uffiċjali li qed isegwu Il-korsijiet ta' taħriġ onlajn tal-Organizzazzjoni Dinjija tad-Dwana fuq il-pjattaforma *CliKC!; u*

- kompla jikkontribwixxi fix-xogħol tal-*Legal Framework Review Board*, fejn żewġ persuni minn dan id-Direttorat, iċ-*Chairman* u membru, jiffurmaw parti minn dan il-Bord kompost minn 9 membri.

### *3.2 Strategic Trade & Sanctions Monitorong Unit (STSMU)*

Il-ħidma prinċipali tal-i*Strategic Trade and Sanctions Monitoring Unit (STSMU)* tinfirex fuq tliet oqsma prinċipali: li tinforza u tassigura konformita' mar-regoli fil-kummerċ fejn għandhom x'jaqsmu materjali, oġġetti u apparat sensittiv bħal dawk b'użu doppju; tixrid ta' armi tal-qerda tal-massa, prekursuri tagħhom u mezzi ta' twassil għalihom, kif ukoll traffikar illeġittimu ta' armi konvenzjonali, u apparat militari ieħor. L-*STSMU* hija inkarigata wkoll fuq il-monitoraġġ u l-infurzar ta' sanzjonijiet internazzjonali, sew dawk li joħorġu minn riżoluzzjonijiet maqbula fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Magħquda kif ukoll il-Miżuri Restrittivi tal-Unjoni Ewropeja.

Fis-sena 2021, l-*STSMU* skrutinat manifesti ta' vjaggi marittimi li jmissu mal-Port Ħieles ta' Malta li kumplessivament ammontaw għal **198,372** kontejner marittimu.

Matul l-2021, l-*STSMU* kompliet tagħti attenzjoni partikulari lejn kummerċ minn u lejn is-Sirja u il-Libja minħabba l-kunflitti f'dawn ir-reġjuni u r-restrizzjonijiet imposti, kif ukoll il-kummerċ ta' trasbord, minn u lejn dawn il-pajjiżi, li jinzerta għaddej minn Malta. Il-kummerċ lejn is-Sirja, għalkemm kien kontinwu, jirriżulta li naqas b'madwar **50%** meta mqabbel mas-sena preċedenti. Minn naħa l-oħra, Malta tibqa' sors prinċipali għall-merkanzija lejn il-Libja, fejn waqt li kien irrappurtat li żdiedu r-rotot diretti minn pajjiżi terzi, matul din is-sena il-merkanzija marittima lejn dan il-pajjiż, li għaddiet minn Malta, żdiedet b'madwar **24%.**

Wara r-riżultati pożittivi tal-2020 dwar kummerċ ta' oġġetti relatati ma' tbaħħir (dgħajjes, muturi tal-baħar, *dingies*, eċċ...) destinati lejn il-Libja, b'konnessjoni mal-provedimenti tal-*Council Regulation (EU) 2017/1325* li jikkonċernaw il-faċilitazzjoni tat-traffikar ta' immigranti, jidher li l-messaġġ wasal. Waqt li kompla jsir skrutinju kontinwu għal dan it-tip ta' kummerċ, matul l-2021 irriżulta każ wieħed biss ta' dan it-tip li ġie interċettat u mwaqqaf.

Inbeda l-eżerċizzju ta' distruzzjoni ta' l-opri tal-baħar konfiskati mid-Dwana, skont l-Att Dwar Poteri Li Jsiru Regolament fl-interess Nazzjonali (Kap 365) u l-Ordinanza tad-Dwana (Kap 37).

Matul l-2021, l-*STSMU* irreferiet **19**-il każ lid-*Directorate for Trade Services & Projects* (*DTSP*), l-awtorita' kompetenti dwar Oġġetti b'Użu-Doppju u Ekkwipaġġament Militari, li wasslu għal ħruġ ta' **13**-il liċenzja għall-esportazzjoni, dwar **7** każijiet minnhom irċevejna direzzjoni li l-merkanzija tista' tkompli fit-traġitt tagħha mingħajr ħtieġa ta' licenzjar. L-esportazzjoni ta' kunsinna partikolari kienet miċħuda mid-*DTSP*, waqt li żewġ każijiet għadhom miżmuma sakemm tinħarġilhom liċenzja jew skont kif ikun deċiż.

Tliet każijiet kienu riferuti lis-*Sanctions Monitoring Board* (*SMB*). It-tliet każijiet, wara assessjar fuq tul ta' żmien differenti mill-istess *SMB*, ġew permessi li jkomplu fit-traġitti tagħhom.

### *3.3 Customs Training Unit*

Matul is-sena 2021, il-*Customs Training Unit (CTU)* organizza **64** kors u li ttrattaw **21** suġġett.

**37** kors kienu organizzati mis-*CTU* għall-impjegati tad-Dwana, li jkopru proċeduri u prattiċi operazzjonali doganali.

**24** kors kienu ntenzjonati għas-settur privat u kienu jikkonsistu f'istruzzjonijiet dwar l-użu tal-*Customs Electronic System*: sistemi elettronici doganali tal-importazzjoni; esportazzjoni; u tal-manifesti.

Is-*CTU* ikkordina wkoll **13**-il lkors ma' organizzazzjonijiet terzi li ssarfu fi **315** siegħa ta' taghlim. L-i*Staff* tas-*CTU* attendew żewġ laqgħat onlajn organizzati mid-DGTAXUD.

Minħabba r-restrizzjonijiet tal-COVID-19, is-*CTU* organizzat b'suċċess numru ta' korsijiet onlajn. Bla dubju ta' xejn, l-ikbar sfida kienet l-organizzazzjoni ta' tliet *Induction Awareness Courses* lir-rekluti l-ġodda, kemm Assistenti Doganali u kemm Uffiċjali tad-Dwana. Tnejn mill-korsijiet saru fis-sit futur tas-*CTU* - il-*Multifunctional Hall* biswit il-*K9 Unit.*

It-tabella li ssegwi turi fid-dettal l-korsijiet li kienu organizzati mis-*CTU* fl-2021.

*Grafika Nru. 3 – CTU Courses*

| DETAILED LIST OF ALL COURSES ORGANISED BY CTU in 2021 | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Course Title** | **Sessions per course** | **Duration** | **No. of Organised Courses** | **Hours. All Courses** | **Attendees Customs/ Private** | **No. of Attendees** |
| General Security Awareness Training | 1 | 4hrs | 20 | 80 | C | 220 |
| General Ability Test/ Psychometric Course | 1 | 3hrs | 17 | 51 | C | 59 |
| National Import System (Private Sector online) | 2 | 16hrs | 11 | 176 | P | 91 |
| H7 SRDS Database Training Course for Traders | 1 | 4.5hrs | 9 | 112.5 | C | 117 |
| H7 SRDS Database Training Course for Officers | 1 | 9hrs | 9 | 31.5 | P | 48 |
| Low Value Consignments | 1 | 1hr | 8 | 8 | C | 218 |
| Guardia Di Finanza Economic and Financial Police | 1 | N/A | 6 | N/A | C | 42 |
| National Export System (Private Sector Online) | 2 | 16hrs | 5 | 80 | P | 49 |
| Airfield Driving Licence Familiarisation Course | 3 | 9hrs | 5 | 45 | C | 51 |
| Radiation Awareness Course | 1 | 8.75hrs | 4 | 35 | C | 23 |
| Radiation Awareness Session Par 2 H& S | 1 | 5hrs | 4 | 20 | C | 23 |
| CES Manifest Course for Newly Appointed Officers. | 1 | 16hrs | 3 | 24.75 | C | 39 |
| CES Manifest System Course (Private Sector) | 1 | 16hrs | 2 | 13.25 | P | 2 |
| Customer Care for service of Excellence | 2 | 3hrs | 2 | 12 | C | 15 |
| Induction Course Customs Officers | 8 | 4.5hrs | 2 | 74 | C | 64 |
| UCC E-Learning Release for free Circulation | 2 | 10hrs | 2 | 20 | C | 10 |
| Induction Course Customs Assistants | 5 | 4hrs | 1 | 20 | C | 14 |
| Mentoring Pilot Project Train the Mentor | 1 | 3hrs | 1 | 3 | C | 11 |
| Practical Skills to Manage Stress | 1 | 1.5hrs | 1 | 1.5 | C | 17 |
| Self Care & Resilience Online Course ESP | 1 | 1.5hrs | 1 | 1.5 | C | 12 |
| TSG Online Meeting – Customs/Fiscalis 2020 | 1 | 2 | 1 | 3 | C | 2 |
| **Totals** | | | **114** | **812** | | **1127** |

## 4. Direttorat għas-Sisa (*Excise*)

Dan id-Direttorat, li huwa l-aktar direttorat li jiġġenera erarju għall-Gvern, jaqgħu taħt id-direzzjoni tiegħu 8 uffiċċji: *Tobacco Products Unit, Alcohol Beverages Unit, Energy Products Unit, Non-Harmonised Goods Unit, Central Excise Liaison Office, Excise Rebates' Processing Office, Customs Warehousing Unit* u *Auctions' Section.*

### *4.1 Prodotti ta' Enerġija*

L-*Energy Products Unit* tikkontrolla l-iżbark, l-importazzjoni u rilaxx ta' kwalunkwe tip ta' *fuel,* gass u żjut lubrikanti, sew dawk intenzjonati għall-uzu fis-suq lokali, kif ukoll għall-esportazzjoni, u tiġbor it-taxxa dovuta, li tinkludi dazju ta' importazzjoni, dazju tas-sisa, VAT u *bunker tax*. L-ammont ta' taxxa miġbur mis-sezzjoni fl-2021 kien ta' **€144,200,778.**

Matul l-2021 inxtraw **360,558** bolla tas-sisa biexjiġu applikati fuq kontenituri bi Żjut Lubrikanti. Irreġistraw **75** kumpanija u fil-perjodu ta' bejn Settembru u Diċembru inxtraw l-ammont ta' **275,000** bolla.

### *4.2 Prodotti tat-Tabakk*

It-*Tobacco Products Unit* tikkontrolla l-iżbark, l-importazzjoni u rilaxx ta' kwalunkwe tip ta' tabakk, sew dak intenzjonat għall-uzu fis-suq lokali, kif ukoll għall-esportazzjoni, u tiġbor it-taxxa dovuta, li tinkludi dazju ta' importazzjoni, dazju tas-sisa u VAT. L-ammont ta' taxxa miġbur mis-sezzjoni fl-2021 kien ta' **€90,080,487**, kif ġej**:**

***Grafika Nru. 4 – Prodotti tat-Tabakk***

| | 2021 | 2020 | Differenza |
|---|---|---|---|
| Sigaretti | €83,020,683 | € 82,430,085 | Żieda ta' €590,598 |
| Tabakk tal-Brim | €6,496,390 | € 6,828,729 | Tnaqqis ta' €332,339 |
| Tabakk tal-Pipa | €74,641 | € 84,310 | Tnaqqis ta' €9,669 |
| Sigarri | €488,773 | € 449,169 | Żieda ta' €39,604 |
| Total Globali | €90,080,487 | € 89,792,293 | Żieda ta' €288,194 |

### *4.3 Prodotti tal-Alkoħol*

L-*Alcohol Beverages Unit* tikkontrolla l-iżbark, l-importazzjoni u rilaxx ta' prodotti tal-alkoħol, sew dawk intenzjonat għall-użu fis-suq lokali, kif ukoll għall-esportazzjoni, u tiġbor it-taxxa dovuta, li tinkludi dazju ta' importazzjoni, dazju tas-sisa u VAT. L-ammont ta' taxxa miġbur mis-sezzjoni fl-2021 kien ta' **€16,965,580.**

***Grafika Nru. 5 – Prodotti tal-Alkoħol***



### *4.4 Prodotti Non-Armonizzati*

In-*Non-Harmonised Goods Unit* tikkontrolla l-iżbark, l-importazzjoni u rilaxx ta' prodotti mhux arminizzati, bħal siment, komponenti tal-kostruzzjoni, madum, ħġieġ, xarbiet non-alkoħoliċi, ilma bbottiljat, boroz tal-plastik, *tyres*, *chewing gum*, *toiletries* u servizz ta' telefonija ċellulari, u tiġbor id-dazju tas-sisa fuqhom.

L-ammont ta' taxxa miġbur mis-sezzjoni fl-2021 kien ta' **€29,168,925.**

### *4.5 Rifużjoni tas-Sisa*

L-*Excise Rebates' Processing Office* jieħu ħsieb li jipproċessa talbiet ta' parti, jew rifużjoni totali, tad-Dazju tas-Sisa li tkun tħallset fuq karburanti kkunsmati minn inġenji tal-baħar, kif ukoll minn vetturi ta' Missjonijiet Diplomatiċi u Organizzazzjonijiet Internazzjonali stabbiliti Malta.

Matul l-2021, Missjonijiet Diplomatiċi kif ukoll Organizzazzjonijiet Internazzjonali f'Malta ġew rifużi l-ammont ta' **€66,533** f'Dazju tas-Sisa lura fuq kurburanti li xtraw għall-użu tagħhom.

It-total ta' litri netti li fuqhom ħarġet rifużjoni mill-Operaturi Ekonomici jammonta għal **25,160,614** litri. Fuq dan l-ammont it-total ta' taxxa li ġiet rifuża kien jammonta għal **€8,082,306.**

Matul l-istess perjodu, id-Direttorat ipproċessa **111**-il talba ta' rifużjoni li saru minn Operaturi Ekonomiċi fuq *diesel* jew *gas oil* li ntuża fuq l-inġenji tal-baħar f'attivitajiet kummerċjali kif deskritt fir-Raba' Skeda ta' l-Att dwar id-Dazju tas-Sisa Kap 382. Ġew ipproċessati wkoll **429** talba ta' rifużjoni fuq *Heating Gas Oil*. Dawn it-talbiet saru kemm minn Operaturi Ekonomiċi, bħal lukandi u fabbriki, kif ukoll minn azjendi oħra. Saru wkoll talbiet minn djar privati.

It-total ta' litri netti li fuqhom ħarġet rifużjoni lill-Operaturi Ekonomiċi u djar privati jammonta għal **9,650,115** litri. Fuq dan l-ammont it-total ta' taxxa li ġiet rifuża kien jammonta għal **€2,319,016.**

## 5. Direttorat għall-Osservanza u Sistemi (*Compliance & Systems*)

Dan id-direttorat iserraħ fuq tliet pilastri: proċessi, ħatt u rilaxx ta' merkanzija u sistemi tal-komputer u l-informazzjoni teknoloġika.

Fuq proċessi hemm tmien sezzjonijiet li huma: Servizz lill-Klijenti, Proċeduri Speċjali, Valutazzjoni, Informazzjoni fuq it-tariffa u l-analista, Verifikazzjoni, Moniteraġġ tal-Manifest, Iffaċilitar tal-Kummerċ u Superviżjoni tal-Esportazzjonijiet.

Fuq ħatt u rilaxx ta merkanzija hemm seba' sezzjonijiet oħra li huma: *Courier Express Freight*, *Airfreight*, *Containers and Groupage* fil-Kumpless ta' Ħal Far, il-Posta, Xatt il-Laboratorju, *Fuel Wharf* u l-grada tal-Port Ħieles.

It-taqsima tas-sistemi tal-komputer u l-informazzjoni teknoloġija hija mbagħad responsabbli mis-sistemi kollha kkompjuterizzati li jagħmel użu minnhom id-Dipartiment u l-Operaturi Ekonomiċi.

### *5.1 Il-Programm ta' AEO*

Matul din is-sena issoktat il-kampanja ta' għarfien dwar il-kunċett ta' Operatur Ekonomiku Awtorizzat (AEO) tant li żewġ kumpaniji ġodda (*Parnis England Trucking Ltd* u *Crane Currency Ltd*) ġew ippreżentati b'dan iċ-ċertifikat rikonoxxut fl-Ewropa u internazzjonalment. Hekk in-numru ta' AEOs illum tela' għal għoxrin, żieda ta' **45%** fuq perjodu ta' ħames snin.

### *5.2 Relazzjoni mal-oqsma tal-kummerċ u l-isfida BREXIT*

Matul din is-sena, BREXIT kienet sfida kontinwa tant li bosta laqgħat indirizzaw din il-materja. Minkejja l-inċertezzi li ġabet magħha, irriżulta li d-Dwana kienet ippreparata bis-sħiħ tant li għajr għall-problemi inevitabbli matul il-perjodu ta' tranżizzjoni u l-ftit ġimgħat ta' wara, l-operaturi ekonomiċi adattaw ruħhom għal din ir-realta' l-ġdida.

Din it-tabella turi n-numru ta' dikjarazzjonijiet, **87,762,** li l-oriġinu tagħhom ġie ddikjarat bħala l-Gran Brittanja. Jirriżulta li **17%** ġew minn dan il-pajjiż li llum mhux ikkunsidrat bħala Membru Stat tal-Unjoni Ewropeja

*Grafika Nru. 6 – Dikjarazzjonijiet mir-Renju Unit*




### *5.3 L-aspett operattiv*

Wieħed mill-għanijiet prinċipali ta' dan id-Direttorat huwa l-ġbir tat-taxxa fuq l-importazzjoni bħal ma hu d-dazju, il-VAT u tariffi oħrajn. Responsabbli wkoll mill-ħlas ta' diversi liċenzji operattivi u multi.

Id-Direttorat jaħdem fil-qrib ma' direttorati oħra fi ħdan id-Dipartiment kif ukoll jikkoordina ma' Dipartimenti u awtoritajiet oħra xogħol ta' verifika konness ma' ġbir ta' taxxi, liema verifiki jsiru wara li l-importazzjoni tkun diġa' saret, sa mhux iktar minn tlett snin b'lura.

Din is-sena, **537,614**-il dikjarazzjoniji ddaħlu fis-sistema tal-importazzjoni, filwaqt li **29,176** ġew irreġistrati fis-sistema tal-esportazzjoni. Din iċ-ċifra tinkludi **5,803** dikjarazzjoni fis-sitema tal-importazzjoni għal merkanzija li ġejja minn pajjiżi stati membri li kienu suġġetti għat-taxxa tas-sisa.

Il-grafika ta' hawn taħt turi d-dikjarazzjonijiet, f'punti perċentwali, li ġew magħżula għall-ispezzjoni (aħmar), ġew irrilaxxati b'mod immeddjat (aħdar) jew ġew magħżula għall-iskrutinju tad-dokumenti sakemm ġie deċiż jekk din il-konsenja kienx jinħtieġ il-preżenza fiżika tad-Dwana waqt ir-rilaxx.

*Grafika Nru. 7 – Dikjarazzjonijiet fl-Import u Export System*




### *5.4 VAT e-Commerce Package*

Skema ġdida tal-importazzjoni (*VAT E-Commerce Package*) daħlet fis-seħħ nhar l-1 ta' Lulju. L-*Import One-Stop-Shop* (IOSS) hija sistema ġdida ta' iffaċiltar tal-kummerċ li tiġġieled l-evażjoni tal-VAT u tiżgura kompetizzjoni ġusta għan-negozji ta' pajjiżi Stati Membri. Din l-iskema kienet tinkludi t-tneħħija tal-eżenzjoni tal-VAT għal oġġetti ta' valur inqas minn 22 Ewro. Hekk l-Istati Membri mistenni jaraw żjieda annwali ta' madwar 7 biljun ewro. Fl-istess waqt tippermetti lill-konsumatur sabiex iħallas il-VAT mal-ordni. Il-fornitur ikun umbagħad obbligat li jiddikjara u jħallas il-VAT lill-pajjiż Stat Membru. Għal dan il-għan ġiet introdotta sistema ta' importazzjoni b'ridott fl-informazzjoni tad-*data* mitluba għal kunsinnni ta' taħt il-150 ewro.

## 6. Direttorat tal-Infurzar (*Enforcement*)

Id-Direttorat tal-Infurzar għandu funzjoni li titwessa' minn fuq il-fruntiera għal ġewwa s-suq intern. Il-funzjonijiet prinċipali tat-taqsima tal-kontroll fuq il-fruntiera jinkludu spedizzjonijiet 'l ġewwa u 'l barra ta' bastimenti, jottijiet, ajruplani u passiġġieri, kif ukoll kontroll fuq ġarr ta' provvisti lejn bastimenti barra l-portijiet. Tinżamm sorveljanza fuq l-art u l-baħar f'żoni li jaqgħu taħt id-Dwana. Fl-ajruport, minbarra kontrolli fuq oġġetti mal-wasla ta' passiġġieri, isiru spezzjonijiet fuq il-ħatt u tagħbija ta' merkanzija.

Dan id-Direttorat huwa magħmul minn 14-il uffiċċju, li huma: is-*Seaport Office; Malta International Airport; Customs Intelligence Services; Risk Management Unit; Container Monitoring Unit; Scanning Unit; Customs Audit Section; Enforcement Unit; Investigations Unit; Canine Unit; Anti Money Laundering Team; Intellectual Property Rights Uni; Customs Gozo Office;* u *Legal Office.*

### *6.1 Kontroll tal-Fruntiera*

Il-funzjonijiet prinċipali tat-Taqsima tal-Kontroll fuq il-Fruntiera jinkludu spedizzjonijiet 'il ġewwa u 'il barra ta' bastimenti, jottijiet, ajruplani u passiġġieri, kif ukoll kontroll fuq ġarr ta' provvisti lejn bastimenti barra l-portijiet.

Tinżamm sorveljanza fuq l-art u l-baħar f'żoni li jaqgħu taħt id-Dwana. Fl-ajruport, minbarra kontrolli fuq oġġetti mal-wasla ta' passiġġieri, isiru spezzjonijiet fuq il-ħatt u tagħbija ta' merkanzija.

### *6.2 Sezzjoni Intelliġenza*

Matul is-sena 2021, is-Sezzjoni ta' l-Intelliġenza kompliet topera fuq perjodu ta' sebat ijiem fil-ġimgħa għal ħinijiet estiżi. Din is-sezzjoni ġabret informazzjoni minn diversi sorsi, analizzat manifesti

ta' passiġġieri kemm ta' l-ajru, kif ukoll tal-baħar, u ta' merkanzija bil-għan li tipprevjeni evażjoni ta' taxxa u sabiex tikkumbatti l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' merkanzija ristretta kif ukoll oġġetti projbiti. Matul dan il-perjodu, is-sezzjoni kompliet tikkordina operazzjonijiet ma' diversi sezzjonijiet fid-Direttorat ta' l-Infuzar u sezzjonijiet oħra fid-Dwana bil-għan li jkun hemm użu aktar effiċjenti u effettiv tar-riżorsi, kif ukoll biex ma' jkunx hemm xkiel f'dik li hija faċilita' għal kummerċ leċitu. B'riżultat ta' dan il-kordinament, saru diversi operazzjonijiet li taw riżultati pożittivi. Sar ukoll tibdil fl-operat tas-Sezzjoni biex jirrifletti u jikkumbatti sfidi dinamiċi, fost l-oħrajn it-*Trade Based Money Laundering.*

### *6.3 Taqsima li tanaliżża riskji*

Matul is-sena 2021, it-taqsima li tanalizza riskji, ħolqot **535** profil ġdid relatati ma' importazzjoni, filwaqt li ġew di-attivati **493.** A bażi ta' dawn il-profili, is-sistema għażlet **40,495** dikjarazzjoni biex jiġu kkontrollati. Minn dawn **29,158** ġew eżaminati b'mod fiżiku u **11,337** ġew rilaxxati wara li sar kontroll tad-dokumenti preżentati. Ikkrejajna ukoll **16**-il profil ġdid fis-sistema tal-esportazzjoni u **8** ġew di-attivati. Minn total ta' **28,414** dikjarazzjoni sottomessi għall-esportazzjoni, **3,597** intgħażlu għall-kontroll.

### *6.4 Sezzjoni tal-Infurzar*

Din is-sezzjoni għandha firxa wiesgħa ta' funzjonijiet li jinkludu spezzjonijiet fil-fruntiera, fis-suq lokali u investigazzjonijiet.

Fl-ajruport, il-membri ta' din is-sezzjoni jwettqu tfitxijiet ta' merkanzija u bagalji, u anke fuq il-persuna, bi skop li jxejnu d-dħul ta' oġġetti pprojbiti u jaraw li jiġi dikjarat kull materjal ristrett. Bosta minn dawn it-tfittxijiet isiru bl-użu ta' *x-ray scanners*.

Dmirijiet oħra li jaqgħu taħt ir-responsabbilta' ta' din is-sezzjoni jinkludu spezzjonijiet f'postijiet kummerċjali fit-teritorju Malti għal prodotti ta' tabakk, alkoħol u prodotti ta' żjut, kif ukoll prodotti oħra li mhumiex armonizzati izda huma suġġetti għal ħlas tas-sisa. Din is-sezzjoni tassisti wkoll entitajiet u dipartimenti oħra fi spezzjonijiet ta' merkanzija li tasal Malta, ġeneralment bil-baħar.

### *6.5 Skwadra Kontra l-Ħasil tal-Flus (AMLT)*

Matul l-2021 saru **372** dikjarazzjoni lid-Dwana għal moviment ta' flus kontanti li flimkien jammontaw għal **€11,236,554**. Ġew intercettati ukoll **46** persuna li naqsu li jagħmlu dikjarazzjonijiet ta' flus, u li dawn jammontaw għal **€851,306**. Minn dawn, **€95,962** tħallsu bħala multi u għad hemm **Q** każi pendenti il-qorti. Din l-skwadra tieħu ħsieb ukoll li tinforma lil diversi awtoritiajit Maltin b'każi sensittivi biex ikunu jistgħu ikomplu l-investigazzjonijiet minn naħa tagħhom. Kien hemm ukoll 6 istanti fejn id-Dipartiment, ai termini ta' SL 233.7 Reg 3 (10), żamm flus fid-*Depository* għal 90 gurnata biex isiru aktar investigazzjoni – irriżulta li uħud minn dawn il-każi jimmeritaw analiżi aktar fil-fond.

### *6.6 Sezzjoni tal-Klieb*

Wara erba' snin minn meta reġgħet bdiet taħdem is-sezzjoni tal-klieb, bi pjaċċir wieħed jinnota li l-iskwadra kisbet numru sostanzjali ta' riżultati inkoraġġanti. Minkejja dan, nemmnu li nistgħu inkunu aħjar u propju għalhekk għamilna eżerċizzju biex naraw, anke f'dawn iż-żminijiet diffiċili, kemm u kif nistgħu nikbru. Fassalna pjan ta' kemm iridu jiżdiedu id-*dog handlers* u l-klieb, u ovvjamnet il-facilitajiet bħal ma huma *kennels* addizzjonali u tagħmir ta' taħriġ. Dan il-proġett jibda fl-2022 u jkun konkluż f'Ġunju 2023.

### *6.7 Sezzjoni ta' Moniteraġġ ta' Kontejners u Skenjar*

Fl-2021 daħlu fil-Port Ħieles ta' Malta **1,538** bastiment li bejniethom ħattew **689,371** kontejner mimlijin.  Din is-sezzjoni għamlet analiżi ta' dawn il-kontejners u għażlet **9,036** minnhom biex jiġu

skenjati. **1,759** minn dawn l-istess kontejners ġew eżaminati b'mod fiżiku u **26** minnhom taw riżultati pożittivi u ġew konfiskati – il-merkanzija kienet tikkonsisti fi droga (kokajina), murtali, dgħajjes, diversi materjal kontrafatt u oħrajn. Kien hemm ukoll numru ta' kontejners oħra li ntgħażlu u irriżulta li kien fihom **58** karozza li kienu insterqu mil-Kanada u kienu sejrin f'pajjiżi fil-Lvant Nofsani. Ħidma sfieqa mal-pulizija Maltija u l-awtoritajiet Kanadiżi wasslet biex jiġu arrestat ġewwa Montreal fil-Kanada disa' persuni li jifformaw parti minn organiżżazzjoni kriminali li tmexxi kummerċ illeċitu ta' karozzi misruqin u tesportahom lejn l-Asja.

### *6.8 Sezzjoni Awditjar*

L-għan ewlieni ta' din is-sezzjoni huwa li tivverifika l-korrettezza ta' dikjarazzjonijiet tad-Dwana magħmula mill-impurtaturi jew aġenti mqabbda minnhom. Għal dan il- għan, saru *desk based audits* kif ukoll *system based audits* fl-*accounts* tal-kumpaniji biex nikkonfermaw li l-informazzjoni li ngħatat lid-Dwana hija korretta. Dawn l-eżercizzji wasslu għal numru ta' inkonsistenzi u qegħdin isiru il-kalkoli eżatti tal-ammonti dovut kif ukoll il-multi annessi ma' tali każi. Fuq ordni tal-amministrazzjoni, sar ukoll xoghol ta' verifika f'dak li jirrigwarda *Inward Processing*, *Onward Supply Relief, End Use* u numri ġodda tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT).

### *6.9 Uffiċċju Legali*

Din is-sezzjoni kkumpilat **47** ittra biex jittieħdu proċeduri kriminali u **215** nota ta' qbid, kollha ffirmati mid-Direttur Generali (Dwana). L-ittri biex jinbdew proċeduri kriminali ġew mibgħuta lill-Kummissarju tal-Pulizija għall-azzjoni neċessarja, filwaqt li n-noti ta' qbid ġew mibgħuta bil-posta lill-persuni kkonċernati. Rigward rappreżentazzjonijiet fil-Qorti, din is-sezzjoni kellha x'taqsam ma' **68** kawza Ċivili li **12** minnhom kienu ġodda u kien hemm **178** seduti fil-Qorti Ċivili. Kien hemm ukoll **107** kawżi kriminali li **12** minnhom kienu ġodda. Saru total ta' **442** seduti fil-Qorti Kriminali. Matul l-2021 saru **79** arranġament amministrattiv u li permezz tagħhom inġabar l-ammont komplessiv ta' €160,792.00 bħala dazju ta' mportazzjoni, dazju tas-sisa u taxxa fuq il-valur miżjud u l-ħlas ta' penali. Din il-figura tinkludi ukoll pagmenti mensili fis-sena 2021 li jirrigwardaw ħlas għal ftehim barra l-Qorti li jkun sar mad-Dwana f'xi snin preċedenti.

## 7 Konklużjoni

L-2021 kienet sena oħra stramba ħafna minħabba kienet l-ewwel sena sħiħa fil-pandemija, kif ukoll s-sena li daħal fis-seħħ il-ftehim mar-Renju Unit wara BREXIT. Dawn, ftit jew ħafna, affettwaw l-andament tal-kummerċ, b'impatt dirett fuq l-operat immedjat tad-Dwana.

Joseph Chetcuti
Direttur Ġenerali (Dwana)